Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9316 — Peab AB/YIT Oyj's paving and mineral aggregates business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 64/10)

1. Fl-20 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Peab AB ("Peab", l-Isvezja),

— YIT Oyj ("IT", il-Finlandja).

Peab takkwista, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) rar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' partijiet ta' YIT, jiġifieri l-ishma kollha ta' YIT Danmark A/S (id-Danimarka), l-ishma kollha ta' YIT Norge AS (in-Norveġja), l-ishma kollha ta' YIT Teollisuus Oy (il-Finlandja) kif ukoll l-assi kollha ta' YIT Sverige AB (l-Isvezja) li huma relatati mal-aggregati minerali tagħha, in-negozji tal-asfalt u l-pavimentar.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma u permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Peab hija attiva fil-kostruzzjoni, l-inġinerija ċivili u prodotti relatati u tħaddem in-negozju tiegħu prinċipalment fil-Finlanda, in-Norveġja u l-Isvezja.

— YIT hija kumpanija tal-kostruzzjoni. It-tranżazzjoni tikkonċerna n-negozju tagħha fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' aggregati minerali fil-Finlandja, in-Norveġja u l-Isvezja kif ukoll il-produzzjoni u l-bejgħ ta' asfalt u operazzjonjiet tal-pavimentar fid-Danimarka, il-Finlandja, in-Norveġja u l-Isvezja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9316 Peab/YIT's paving and mineral aggregates business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").